# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Justin Mallia**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, **Justin Mallia** bin Kevin u Paola neè Azzopardi, imwieled nhar it-tmintax (18) ta' April tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), detentur tal-karta tal-identità numru 144698(M), u joqghod Block 2, Ent. 95, Flat 6, Sur San Gwann, Bormla:

Talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Gunju 2016 ghall-habta ta' s-siegha ta' wara nofs inhar (1:00 p.m.) minn gewwa Bortex, Baystreet Shopping Complex, San Giljan u / jew mill-vicinanzi, seraq seba' (7) flokkijiet tad-ditta ghad-dannu ta' International Fashion Limited, George Muscat, Cliona Muscat, Paul Camilleri u / jew persuni ohra u / jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur' (li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37)) u bil-'mezz' (Art. 261 (b), (c), 263 (a), 267, 279 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-18 ta' Awissu 2016 moghti skont l-Artikolu 370 (4) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta)[1] sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat ukoll li l-Imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja wara li nghata zmien xieraq biex issir tali twegiba.

Semghet lill-istess Imputat jammetti l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu waqt is-seduta tal-10 ta' Novembru 2020.

IKKUNSIDRAT:

Il-Qorti taghmel referenza ghat-taghlim tal-Professur A.J. Mamo li fin-notamenti tieghu kien kiteb hekk:

"*Where the defendant is charged before a Court of Magistrates of Judicial Police with an offence punishable on summary proceedings and appears before the Court and he admits the Charge, the Court may proceed to convict him without any evidence being called.*"[2]

L-Imputat, debitament assistit, wiegeb hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u moqrija waqt is-seduta tal-10 ta' Novembru 2020. Il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u wara li tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha skont kif irid l-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa zamm mal-ammissjoni li kien ghamel. Ghalhekk, in vista ta' din l-ammissjoni, ma tistax ma ssibx lill-Imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet dwar il-piena, l-Qorti kkunsidrat li l-Imputat ammetta l-hitja tieghu fi stadju bikri u ghandu fedina penali netta u din kienet l-ewwel darba li kkommetta reat (*first-time offender*).

Decide:

Ghal dawn il-motivi, wara li rat Artikoli 261 (b), (c), 263 (a), 267, 279 (a) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Qorti, issib lill-akkuzat hati tal-imputazzjonijiet u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation (Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta), tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmien (8) xhur millum. Il-Qorti wissiet lill-hati bil-

[1] A fol. 15
[2] "Noted on Criminal Procedure" (Laws Year V) pagna 99

konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' libertà kondizzjonata.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt ilperjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**